# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 12**
**Rikors kostituzzjonali numru 93/2016 SM**

**Roberta Grech**
***v.***
**Avukat Ġenerali; u għal kull interess li jista' jkollha *Mercury Investments Limited***

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li laqget talba tal-attriċi għal rimedju għal dak li qieset bħala ksur tal-jedd tagħha mħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba dewmien fi proċeduri ċivili kontrieha.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: fis-27 ta' Marzu 2007 is-soċjetà konvenuta *Mercury Investments Limited* ["*Mercury*"] kienet fetħet kawża

quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-attriċi tallum b'talba biex il-qorti tikkundanna lill-attriċi tħallasha għaxart elef lira [Lm10,000], daqs tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) fil-munita tallum. Fl-4 ta' Frar 2009, wara li s-smigħ tax-xiehda taż-żewġ partijiet ingħalaq, il-qorti iddifferiet il-kawża għas-sentenza għall-15 ta' Lulju 2009. Is-sentenza iżda ngħatat biss fil-21 ta'April 2016, u ikkundannat lill-attriċi tħallas lil *Mercury* s-somma mitluba, bl-imgħax. Ma sarx appell u l-attriċi ħallset id-dejn kanonizzat.

3. Billi dehrilha li dan id-dewmien kien bi ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti tiddikjara li seħħ dan il-ksur u tagħti r-rimedji li jidhrulha xierqa.

4. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »1. tirrespinġi r-risposti kollha tal-intimat Avukat Ġenerali;
>
> »2. takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u r-risposti tas-soċjetà intimata;
>
> »3. tiddikjara li d-dewmien riskontrat fil-proċeduri numru 349/2007 fl-ismijiet *Mercury Investments Limited v.* Roberta Grech ivvjola d-dritt tar-rikorrenti Roberta Grech għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit fl-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;
>
> »4. tillikwida l-kumpens mistħoqq fl-ammont ta' tmint elef euro (€8,000);
>
> »5. tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali biex iħallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti Roberta Grech;
>
> »6. bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu biss a karigu tal-istess intimat Avukat Ġenerali, bis-soċjetà *Mercury Investment Limited* tkun liberata milli tħallas tali spejjeż *stante* li l-posizzjoni tagħha fir-rigward tirriżulta kompletament estranea għall-istess dewmien riskontrat.«

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Illi fl-essenzjalità tagħha din il-proċedura tista' tiġi elenkata bil-mod segwenti:

»• illi fis-27 ta' Marzu 2007, is-soċjetà hawn intimata kienet intavolat rikors ġuramentat (numru 349/2007) … … … kontra r-rikorrenti odjerna, fejn talbet li għar-raġunijiet hemm indikati tħallasha s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċentezmu (€23,293.73);

»• illi r-rikorrenti odjerna kienet ikkontestat din il-proċedura;

»• illi eżawrita l-parti dibattimentali, fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2009 il-kawża kienet differita għas-sentenza għall-udjenza sussegwenti, determinata li tkun fil-15 ta' Lulju 2009;

»• illi finalment, wara wieħed u għoxrin (21) differiment infruttiferu, il-kawża ġiet deċiża b'sentenza datata l-21 t'April 2016;

»• illi bħala riżultat tal-istess, l-imgħaxijiet li eventwalment irriżultaw dovuti kienu jlaħħqu maż-żewġ terzi (⅔) tal-kapital involut;

»• illi ma kienx hemm appell mill-istess sentenza;

»• illi l-ammont dovut riżultanti mill-istess sentenza hawn lanjata tħallsu fit-22 ta' Lulju 2016.

»Ikkunsidrat:

»illi f'dan ir-rigward, riżultat tal-istess dewmien hekk inutilment riskontrat, ir-rikorrenti odjerna tilmenta sintetikament mis-segwenti:

»• illi l-ġudizzju hekk mogħti fuq riferit ma kienx wieħed mogħti fi żmien raġonevoli;

»• illi għalhekk batiet il-konsegwenzi reali tad-dewmien esaġerat li ħadu l-proċeduri in diżamina;

»• illi dan id-dewmien mhux imputat lilha;

»• illi d-dewmien inkonsiderat kien biss riżultat tal-qorti li ħadet żmien esaġerat biex tiddetermina kawża li ma kienet toffri l-ebda diffikultà, komplikazzjoni, jew fastidju legali;

»illi konsegwentement, qed titlob dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni, u tal-artiklu 4(2), tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta ekwivalenti għall-istess.

»Ikkunsidrat:

»illi min-naħa tiegħu l-intimat Avukat Ġenerali sintetikament isostni s-segwenti:

»• illi l-qorti odjerna għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħet kostituzzjonali tagħha *stante* li r-rikorrenti kellha rimedji oħra għad-disposizzjoni tagħha, senjatament dak naxxenti mill-artiklu 195 tal-Kap. 12 tal-liġijiet *de quo*;

»• illi fil-mertu jsostni li r-rikorrenti m'għandhiex raġun biex tippromuovi l-istess proċedura;

»• illi fir-rigward tad-danni mitluba mir-rikorrenti jsostni li dawn ma għandhomx jiġu akkordati;

»• illi f'każ li jiġi riskontrat il-ksur ta' dritt fundamentali lanjat, sempliċi dikjarazzjoni fir-rigward tkun suffiċjenti.

»Ikkunsidrat:

»illi s-soċjetà intimata min-naħa tagħha sintetikament issostni s-segwenti:

»• illi bl-ebda mod m'hi responsabbli għad-dewmien riskontrat;

»• illi konsegwenza tal-fatt li hi estranea għall-lanjanza in diżamina, m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Avukat Ġenerali rigwardanti l-allegat nuqqas tar-rikorrenti li tfittex rimedju ulterjuri, jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi f'dan ir-rigward gie reċentement osservat żvilupp fil-ġurisprudenza;

»illi *qabel* is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu) fl-ismijiet Brincat and Others *vs* Malta datata l-24 ta' Lulju 2014 il-qrati lokali kienu jsostnu li r-rimedju kostituzzjonali hu rimedju ta' natura straordinarja u għandu jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet fundamentali tal-individwu;

»illi effettivament il-posizzjoni fir-rigward tbiddlet bħala riżultat dirett tas-sentenza indikata fil-paragrafu preċedenti meta l-qorti hemm indikata ċaħdet l-oġġezzjoni ta' Malta li f'dik il-kawża ma setax jingħata rimedju peress li ma kinux ġew eżawriti r-rimedju ordinarji;

»illi f'dik il-kawża l-istess qorti osservat li f'dawn il-proċeduri, meta lanjant jintavola proċedura waħda (dik kostituzzjonali) minflok tnejn (dik ordinarja u sussegwentement dik kostituzzjonali), effettivament ikunu ġew servuti l-interessi tal-ekonomija tal-ġudizzju *stante* li biex ikun jista' jingħata "*the full range of redress*" li kienu jitolbu l-lanjanti wara li jindirizzaw ir-rimedju ordinarju, xorta waħda kien ikollhom jindirizzaw il-kweżit involut ta' proċedura kostituzzjonali;

»illi *in vista* tal-istess ġiet issa evitata id-dupliċità tal-proċedura, u dan fl-interess tal-lanjant;

»illi mid-deċiżjoni in diżamina fuq riferita 'l quddiem, il-*forum* lokali beda jottempora ruħhu mal-posizzjoni meħuda mill-Qorti ta' Strasburgu fir-rigward, u konsegwentement beda jottempora ruħha [*sic*] ma' din id-direzzjoni issa hekk mogħtija.

»illi ssir għalhekk referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet George Spiteri *et v. Policy Manager* tal-*Malta Shipyards* fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura datata s-27 ta' Marzu 2015, li irriteniet is-segwenti:

> »"… … … tenut kont tal-konklużjonijiet raġġunti fis-sentenza msemmija ta' Brincat and Others vs Malta din il-qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kif issa żviluppaw mhux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom kif previst fl-artikli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom għad-disposizzjoni tagħhom ir-rikorrenti appellanti."

»illi konsegwentement din ir-risposta preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali għandha tiġi respinta.

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tal-mertu indirizzat mir-rikorrenti jingħad sintetikament is-segwenti:

»illi r-rikorrenti qed tibbaża l-lanjanza tagħha fuq l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni;

»… … …

»Ikkunsidrat:

»illi fid-dawl tar-riżultanzi kif fuq elenkati jirriżulta assodat li r-rikorrenti effettivament sofriet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni.

»… … …

»illi konsegwenza tal-istess dewmien jirriżulta assodat ukoll li r-rikorrenti kienet ippenalizzata aktar mid-dovut *stante* li l-imgħaxijiet involuti baqgħu jakkumulaw tul il-perjodu kollu hekk riskontrat – liema perjodu ittawwal biss u unikament minħabba l-inattività kurjali riskontrata – li minnu batiet l-imsemmija rikorrenti bl-akkumulu tal-imgħaxijiet riskontrati.

»Ikkunsidrat:

»illi f'dan ir-rigward … … … tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet John A. Said *proprio et nomine v.* L-Avukat Ġeneral[1] … … … li tgħid is-segwenti:

> "Madankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal-leżjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili."

»Ikkunsidrat:

»illi fir-rigward tad-danni finanzjarji sofferti mir-rikorrenti fil-proċedura ċivili in diżamina, jirriżulta s-segwenti:

»• illi s-*sorte* involuta kienet tammonta għal €23,293.73;

»• illi l-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena li akkumulaw mid-data tat-22 ta' Frar 2007 kif stabbilita fl-istess sentenza in diżamina ammontaw għal €17,547.77;

»• illi kemm-il darba s-sentenza in diżamina kienet deċiża fit-termini tal-ewwel differiment mogħti għal dan l-iskop, allura l-imgħaxijiet kienu jkunu ferm u ferm anqas.

»Ikkunsidrat:

»illi *in vista* tas-suespost din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprovat il-kaz tagħha skont il-liġi, … … …«

6. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors tal-20 ta' Novembru 2017, li għalih *Mercury* wieġbet fil-5 ta' Diċembru 2017 u l-attriċi wieġbet fid-9 ta'

[1] Kost. 11 ta' Novembru 2011.

April 2018. L-Avukat Ġenerali ma appellax mis-sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli; appella biss dwar il-*quantum* tal-kumpens u dwar il-kundanna li jħallas ukoll l-ispejjeż ta' *Mercury.*

7. Għalkemm sar biss appell mil-likwidazzjoni tad-danni u mill-ispejjeż, din il-qorti hija tal-fehma li fis-sentenza appellata hemm ċerti osservazzjonijiet erronji jew ineżatti li, biex ma jidhirx li ngħataw l-approvazzjoni taċita tagħha, din il-qorti ma tistax ma tikkummentax dwarhom. Dan qiegħed isir biss għall-korrettezza, biex ma jkomplux jinħolqu preċedenti żbaljati, u ma għandux jitqies b'hekk li qiegħed isir tibdil f'partijiet tas-sentenza li minnhom ma sarx appell.

8. Fis-sentenza appellata jingħad illi, wara s-sentenza ta' Brincat, ma baqax aktar jiswa l-prinċipju illi "r-rimedju kostituzzjonali hu rimedju ta' natura straordinarja u għandu jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet fundamentali tal-individwu", bħallikieku l-*proviso* għall-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni[2] u l-*proviso* għall-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319][3] ġew abrogati.

9. Dan ma huwiex minnu, u lanqas ma hu impliċitu fis-sentenza ta' Brincat. Dik is-sentenza ma qalitx illi ma huwiex meħtieġ li tfittex rimedju taħt il-liġi ordinarja qabel ma tirrikorri għar-rimedju kostit-

2 »Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.«

3 »Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra. «

uzzjonali jekk il-proċeduri ordinarji jagħtu rimedju tajjeb u biżżejjed. Li qalet hu illi ladarba l-qrati ċivili (b'interpretazzjoni tajba jew ħażina tal-art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili) ma jagħtux danni morali f'każijiet fejn ikun hemm ksur tal-art. 2 tal-Konvenzjoni, mela r-rimedju li jagħtu ma huwiex biżżejjed u huwa bilfors għalhekk meħtieġ rikors għall-qrati kostituzzjonali, u l-proċess kollu jista' jsir quddiem il-qrati kostituzzjonali biex ma jkunx hemm dewmien żejjed minħabba duplikazzjoni ta' proċeduri[4].

10. L-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi ma għadux meħtieġ li tinqeda bil-proċeduri ordinarji jekk dawk jagħtu rimedju tajjeb u biżżejjed qabel ma tfittex rimedju kostituzzjonali hija għalhekk skorretta.

11. L-ewwel qorti osservat ukoll illi "l-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili". Il-fatt iżda illi qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jagħtu danni għall-ksur tal-jedd fondamentali u mhux danni ċivili ma jfissirx illi r-rimedju li jagħtu ma għandux ikun wieħed sħiħ, u illi ma jagħtux ukoll danni materjali meta l-vittma tal-ksur tal-jedd fondamentali ġġarrab ukoll danni materjali.

12. Effettivament, dak li affermat l-ewwel qorti huwa b'kontradizzjoni għal dak li qalet hija stess meta iċċitat is-sentenza ta' Brincat. Jekk il-qrati kostituzzjonali ma jagħtux danni materjali meta l-parti attriċi tkun ġarrbet dawk id-danni b'konsegwenza tal-ksur tal-jedd fondamentali, mela jkun meħtieġ *ukoll* rikors quddiem il-qrati ordinarji biex jinkiseb ukoll dak ir-rimedju.

4 Ara Brincat u oħrajn *v.* Malta (Q.E.D.B 24 ta' Lulju 2014) para. 55 *et seqq.*

13. Din il-qorti ma tistax ma tissenjalax din il-kontradizzjoni fir-raġunament tal-ewwel qorti li – kif sejjer jirriżulta fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali – wasslitha biex tagħti rimedju li seta' ma kienx biżżejjed.

14. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, din il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali, li huwa fis-sens illi l-kumpens ta' tmint elef euro (€8,000) mogħti mill-ewwel qorti huwa wisq. Ikompli jfisser l-aggravju hekk:

> »L-ewwel aggravju … … … huwa dwar il-kumpens ta' €8,000 li l-ewwel onorabbli qorti akkordat biex ipatti għall-vjolazzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali mġarrab [*recte*, vjolazzjoni … mġarrba] minn Roberta Grech. L-Avukat Ġenerali jħoss li dan il-kumpens huwa għoli wisq u għandu jiġi mnaqqas għal żewġ raġunijiet li sejrin jissemmew;
>
> »Fl-ewwel lok jidher … … … li l-ewwel onorabbli qorti ħadmet fuq iċ-ċifra ta' €8,000 għaliex kienet influwenzata mill-fatt li Roberta Grech weħlet aktar imgħax minħabba li s-sentenza ċivili damet biex inqatgħet. Fil-fehma tal-esponent dan il-fattur kien irrilevanti fil-kuntest tal-komputazzjoni tad-danni f'kawża kostituzzjonali għal dewmien fi proċeduri ċivili;
>
> »Ġie mgħallem mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza <u>*Gasan Enterprises Limited v.* Awtorità ta' Malta dwar l-Ambient u l-Ippjanar</u> deċiża fit-3 ta' Frar 2009 li:
>
>> »"Meta jigi riskontrat dewmien skond l-attikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjetà in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali *ossia* reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."
>
> »Fuq l-istess linji, dejjem l-istess Qorti Kostituzzjonali f'deċiżjoni posterjuri, <u>John A. Said *pro. et nomine v.* Avukat Ġenerali</u> tal-11 ta' Novembru 2011 qalet li:
>
>> »"din il-qorti hi tal-fehma li f'każijiet bħal dawn fejn jirrigwarda dewmien, it-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għalleZioni kostituzzionali";
>
> »Din l-aħħar sentenza ġiet inċidentalment iċċitata mill-ewwel onorabbli qorti … … … iżda jidher li l-ewwel onorabbli qorti ħarbilha l-fatt li fis-sentenza <u>*John A. Said pro et nomine v.* Avukat Ġenerali</u>, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet ukoll sewwasew fuq it-tema tal-imgħax li,

»"Kwantu għas-soffomissjoni tal-appellant li hu ser jeħel aktar imgħax minħabba d-dewmien fl-għoti fas-senfenza, din il-qorti tirrileva li konvenut fis-sentenza ċivili jiġi kkundannat iħallas l-imgħax appuntu minħabba dewmien fil-pagament tas-somma li tiġi liwidata mill-qorti. F'dan il-każ il-parti tas-*sorte* li r-rikorrent ġie kkundannat mill-Prim'Awla li jħallas baqgħet għandu u hu baqa' jgawdi dawk il-flus, minn 1998, meta nfetħet il-kawża, sad-data tal-eventwali pagament."

»Anke f'dan il-każ, is-*sorte* ta' €23,293.73 li suppost Roberta Grech kellha tħallas lil *Mercury Investments Limited* kien dovut minnha sa mit-22 ta' Frar 2007. Minn dakinhar sakemm inqatgħet is-sentenza fil-21 ta' April 2016 hija żammet f'idejha dan l-ammont u għalhekk hija baqgħet tgawdi minnhom meta suppost kellha troddhom sa mit-22 ta' Frar 2007. Għalhekk fil-verità l-aktar li bata minħabba d-dewmien fil-proċeduri ġudizzjarji ma kinitx Roberta Grech iżda l-kumpannija *Mercury Investments Limited* li kellha tistenna dan ż-żmien kollu biex tiġbor dak li kien tagħha. L-imgħax li weħlet Roberta Grech hija [*recte*, l-imgħax … huwa] biss l-effett tad-deċiżjoni ħażina tagħha li ddewwem il-pagament li hija kellha tħallas sa mit-22 ta' Frar 2007.

»F'dan il-kuntest filwaqt li l-esponent jifhem u jaċċetta li Roberta Grech ħaqqha tirċievi kumpens għall-ansjetà maħluqa minħabba l-prokrastinazzjoni fil-proċeduri ġudizzjarji madankollu hija ma ħaqqha l-ebda kumpens għall-imgħax li ġġemma' fuq is-*sorte* li hija kellha tħallas. Ir-raġuni ewlenija l-għala l-imgħax baqa' jiġġemma' fuq is-*sorte* mhux għaliex kif qalet l-ewwel onorabbli qorti kien hemm dewmien fil-prolazzjoni tas-sentenza iżda għaliex Roberta Grech baqgħet tinsisti li ma tħallasx dak li kellha tagħti. Wara kollox għaż-żmien kollu li damet għaddejja l-kawża hija b'mod inġust baqgħet iżżomm għaliha s-somma ta' €23,293.73.

»Għalhekk fl-isfond ta' dan kollu s-suġġett tal-imgħax miġmugħ ma kellux jitqies mill-ewwel onorabbli qorti fil-kalkolu tal-kumpens, b'dana għalhekk li l-kumpens ta' €8,000 għandu jiġi mnaqqas.

»Fit-tieni lok l-esponent iħoss li dan il-kumpens ta' €8,000 għandu jiġi mnaqqas għaliex dan huwa għoli meta mqabbel ma' każijiet oħra li jixxiebhu marbuta ma' dewmien. L-esponent ħa l-iżbriga li joqgħod jara kemm kien il-kumpens li taw il-qrati tagħna u anke dawk ewropej f'dawn l-aħħar snin biex imbagħad iqabblu mal-kumpens mogħti mill-ewwel onorabbli qorti.«

15. L-Avukat Ġenerali mbagħad jiċċita numru ta' sentenzi u l-kumpens mogħti f'kull każ, u jkompli hekk:

»Illi meta wieħed iqabbel il-kumpens mogħti mill-ewwel onorabbli qortl fis-sentenza appellata mal-kumpens mogħti mill-qrati tul dawn l-aħħar snin, huwa manifest li l-kumpens mogħti fis-sentenza appellata huwa wieħed għoli ħafna u allura l-kumpens għandu jkun ħafna inqas minn dak mogħti mill-ewwel onorabbli qorti, sabiex dan jirrifletti l-każistika.«

16. Il-fatt illi "ġeneralment" u "bħala regola" l-qrati kostituzzjonali ma jagħtux danni ċivili ma jfissirx li ma jagħtux rimedju sħiħ u biżżejjed, li jinkludi wkoll danni materjali meta l-parti milquta tkun ġarrbet danni materjali b'konsegwenza tal-ksur tad-dritt tagħha.

17. Huwa wkoll minnu illi, għallinqas fit-teorija, debitur ma jġarrbx danni materjali meta jkollu jħallas danni moratorji, għax ikun ħa l-benefiċċju tal-użu tal-flus li kellu jagħti għaż-żmien kollu li jkun għadda l-imgħax billi matul dak iż-żmien kellu flus ħaddieħor f'idejh; barra minnhekk, meta eventwalment iħallas id-dejn ikun qiegħed iħallas fi flus li jiswew anqas, minħabba l-inflazzjoni[5].

18. Madankollu, dawn il-konsiderazzjonijiet kellhom piż aktar fi żmien meta d-diskrepanza bejn l-imgħaxijiet moratorji – tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) – u l-imgħaxijiet li jagħtu l-banek – minn xejn (0%) fuq xi kontijiet ta' tifdil sa tnejn fil-mija fis-sena (2% *p.a.*) fuq kontijiet marbuta għal ħames snin – ma kinitx daqstant drastika daqskemm hija llum. Tassew illi l-attriċi tallum ħadet xi benefiċċju talli żammet flus il-kreditur tagħha f'idejha, għax li kieku kellha tissellef dik is-somma mill-bank kien ikollha tintrabat b'garanziji u ipoteki u kienet tħallas imgħax ogħla minn kemm jagħti l-bank li kieku tissellef mingħandu flok tiddepożita għandu, għalkemm ir-rata ta' mgħax fuq self xorta hija anqas mir-rata tal-imgħax moratorju.

---

5 Is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) mħallsa fl-2016 kienet tiswa wieħed u għoxrin elf u tmienja u sebgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€21,078.82) fl-2009, maħduma bir-rata ta' inflazzjoni pubblikata fl-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar [Kap. 158]..

19. Għalhekk, għalkemm huwa minnu illi l-attriċi ħadet benefiċċju talli damet sakemm inqatgħet il-kawża biex ħallset dejnha, dan il-benefiċċju ma jpattix għalkollox għad-dannu li ġarrbet talli kellha tħallas l-imgħaxijiet moratorji. Għamlet sew għalhekk l-ewwel qorti li qieset ukoll il-fatt li l-attriċi kellha tħallas mgħaxijiet moratorji għalkemm b'hekk x'aktarx ikkontradiċiet ruħha meta qalet li tagħti biss danni morali.

20. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali hija għalhekk miċħuda.

21. Fit-tieni parti tal-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali jgħid illi d-danni morali mogtija mill-ewwel qorti huma wisq.

22. Għalkemm huwa minnu illi għandha tinżamm uniformità fil-likwidazzjoni tal-kumpens, ukoll fl-interess tal-prevedibilità, madankollu kull każ għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Fil-każ tallum id-dewmien kien għalkollox dovut għan-nuqqas tal-qorti, li ħadet aktar minn seba' snin biex qatgħet kawża li ma kinitx ta' xi komplessità partikolari. Relevanti wkoll il-fatt illi d-dewmien kien kollu fi grad wieħed ta' ġurisdizzjoni u ma sar assolutament ebda progress fil-kawża matul iż-żmien kollu li damet tistenna s-sentenza.

23. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti hija tal-fehma li kumpens ta' elf euro (€1,000) għal kull sena ta' dewmien żejjed huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi[6]. Meqjus ukoll il-fatt illi, kif imfisser fuq[7], l-attriċi ġarrbet ukoll element ta' danni

[6] Ara *e.g.* Victor Buttigieg *v.* Avukat Ġenerali, Kost. 53/2016.

[7] Para. 17 *et seqq. supra.*

pekunjarji u illi r-rimedju għadu jkun sħiħ u biżżejjed, din il-qorti hija tal-fehma illi d-danni ta' tmint elef euro (€8,000) likwidati mill-ewwel qorti huma kumpens xieraq fiċ-ċirkostanzi.

24. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali hija wkoll għalhekk miċħuda.

25. It-tieni aggravju jolqot il-kundanna tal-Avukat Ġenerali li jħallas ukoll l-ispejjeż ta' *Mercury*, u ġie mfisser hekk:

> »L-esponent jaċċetta li huwa għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu u jeħel ukoll l-ispejjeż li tħallsu minn Roberta Grech biex mexxiet din il-kawża kostliuzzjonali. Dan għar-raġuni li l-esponent qiegħed jikkonċedi li Roberta Grech ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq f'għeluq żmien raġonevoli. Mill-banda l-oħra però l-istess esponent ma jaqbilx li huwa għandu jħallas ukoll l-ispejjeż tal-kumpannija *Mercury Investments Limited*. Fl-opinjoni tat-esponent din il-kumpannija tħarrket għalxejn f'din il-kawża billi l-vjolazzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali ma tnisslitx minħabba xi għemil jew omissjoni tagħha. Hekk ukoll il-preżenza ta' din il-kumpannija lanqas klenet meħtieġa għall-integrità tal-ġudizzju għaliex il-kawża setgħet titressaq u titkompla mingħajrha.
>
> »Fis-sewwa l-inklużjoni ta' din il-kumpannija fil-kawża kienet barra minn lokha u saret għalxejn. Kemm hu hekk l-ewwel onorabbli qorti stess fid-*decide* tagħha … qalet li *Mercury Investments Limited* kienet kompletament estranea għall-istess dewmien riskontrat. Għalhekk la-darba *Mercury Investments Limited* iddaħħlet f'din il-kawża minn Roberta Grech bla bżonn, l-effett ma kellux ikun kif iddeċidiet l-ewwel onorabbli qorti li l-Avukat Ġenerali jagħmel tajjeb ukoll għall-ispejjeż ta' din il-kumpanniia iżda bl-invers, kif tajjeb intqal miil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza <u>Herman Magro *et v.* Anthony Borg</u> deċiża fit-23 ta' Jannar 2004, "l-effett li jseħħ jekk tintlaqa' eċċezzjoni li l-parti mħarrka ma messhiex tiġi mħarrka jkun dak li l-eċċipjenti jinħeles milli jibqa' fil-kawża u li l-ispejjeż jitbatew minn min ikun ħarrku għalxejn … Dan huwa l-eżitu inevitabbli ta' din il-proċedura".
>
> »Jiġi b'hekk li l-ispejjeż ta' *Mercury Investments Limited* m'għandhomx jitħallsu mill-Avukat Ġenerali iżda għandhom jitħallsu mill-appellata Roberta Grech.«

26. L-attriċi wieġbet hekk:

> »Illi dwar l-ispejjeż jiġi notat li l-formula b'liema l-intimata *Mercury Investments Limited* ġew imdaħħlin [*recte*, l-intimata … ġiet imdaħħla] fil-kawża kien [*recte*, il-formula … kienet] biss għal kull interess li jista' jkollha u *cioè* billi l-presenża tagħha kienet neċessarja biex tagħmel il-ġudizzju integru. Setgħet naturalment jekk ħasset li ma kellhiex

> interess ma tirrispondiex. Ma hux la ġust u lanqas korrett li r-rikorrent ibati l-ispejjeż tal-partijiet fil-kawża meta ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tiegħu u meta l-mod b'liema huwa aġixxa kien korrett u għaqli. Seta' kien li s-soċjetà in kwistjoni kienet estranea għad-dewmien riskontrat imma ma kenitx estranea għall-ġudizzju fejn dak id-dewmien ġie riskontrat u għalhekk kienet bil-fors kellha tkun parti fil-kawża; u kien preċiżament minħabba dan li r-rikorrent uża l-formula għal kull interess li jista' jkollha, biex jekk hija tħoss li ma kellhiex interess fil-kawża setgħet benissimament tħalli kollox għaddej. Jiġi ukoll notat li fl-ebda mod ma ġie eċċepit li s-soċjetà kellha tiġi liberata *ab observantia* imma ġiet liberata mill-meritu, li bil-fors iwassal għall-konklużjoni li din il-parti kienet parti integranti tal-ġudizzju. Kienet korretta għalhekk l-ewwel qorti li kkollat l-ispejjeż tal-ġudizzju lli minn irritjeniet li kellu jirrispondi tal-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent.«

27. Għandu raġun l-Avukat Ġenerali jgħid illi *Mercury* tħarrket għalxejn. Is-sentenza mogħtija favur tagħha fil-kawża ċivili b'ebda mod ma setgħet tintlaqat b'dak li jiġi deċiż f'din il-kawża tallum, u għalhekk ma kellha ebda interess xi tħares fil-kawża tallum.

28. Il-fatt illi l-attriċi ħarrket lil *Mercury* "għal kull interess li jista' jkollha" ma jeħlisx lill-attriċi milli tħallas l-ispejjeż ta' *Mercury* jekk jirriżulta li *Mercury* ma kellha interess xejn u għalhekk tħarrket għalxejn, u l-fatt li *Mercury* għażlet li twieġeb, biex ma titqiesx kontumaċi, ma jibdel xejn minn dan. Ma hemm ebda loġika f'li tgħid illi għax *Mercury* wieġbet mela l-ispejjeż tagħha ma jħallashomx min ħarrikha għalxejn.

29. Dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali għalhekk għandu jintlaqa' u l-ispejjeż kollha ta' *Mercury*, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, għandha tħallashom l-attriċi.

30. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u fejn ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas tmint

elef euro (€8,000) bħala kumpens għal dan il-ksur, tikkonfermaha wkoll fejn ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas l-ispejjeż tal-ewwel grad tal-attriċi; u tħassarha fejn ikkundannat lill-Avukat Ġenerali jħallas ukoll l-ispejjeż ta' *Mercury* u, minflok, tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż ta' *Mercury.*

31. L-ispejjeż tal-ewwel grad ta' *Mercury* għalhekk tħallashom l-attriċi u l-ispejjeż l-oħra tal-ewwel grad iħallashom l-Avukat Ġenerali. L-ispejjeż ta' *Mercury* tal-appell tħallashom l-attriċi u l-ispejjeż l-oħra tal-appell jinqasmu hekk: ħames ishma minn sitta (⅚) jħallashom l-Avukat Ġenerali u s-sehem l-ieħor minn sitta (⅙) tħallsu l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb